TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 138/21/MM

Roderick u Janice Bonnici

Vs

Stephen Fenech – Alu Care Mosta Ltd

Illum, 9 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta'Awwissu 2021 fejn talbu s-somma ta' tmien mija u żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€802.40), rappreżentanti l-prezz imħallas għal bieb difettuż.

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma dahlet l-ebda risposta u hadd mis-socjeta' intimata ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2022.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Serna x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti ordnaw żewġ bibien mingħand is-soċjeta' intimata u wara li tlesta x-xogħol u twaħħlu fuq il-psot irriżulta li wieħed mill-bibien kien difettuż billi ġie iqsar milli suppost. Illi r-rikorrenti tispjega li s-soċjeta' intimata attribwit il-fatt li l-bieb ġie qasir minħabba li l-madum ma kienx invell u minħabba li l-ħajt ma kienx dritt. Ir-rikorrenti jsostnu li huma ma jifmhux fis-sengħa u sussegwentament kienu ġabu ħaddiema oħra li fissrulhom li l-madum u l-ħajt kienu tajbin u l-bieb ma kienx ġie tajjeb stante li meta ttieħed il-kejl, kien ittieħed kejl ħażin li wassal biex il-bieb jinħadem iqsar.

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intiamta hija kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li*

*jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali". (*Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha.* (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija plawsibbli u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni mis-soċjeta intimata ma jarax għaliex m'għandux jagħddi biex jilqa' t-talba.

Illi f'dan il-kaz, la darba huwa pacifiku li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' appalt u mhux ta' bejgh u dan ghaliex jinvolvi obbligazzjoni "*di facere*" fuq dik "di dare"

(“**International Tentage Textiles Industries Limited vs Andreas Gerdes**” (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005); “**Aplan Limited vs Emmanuel Bajada**” (A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009), u allura dak li huwa mportanti u relevanti huwa jekk ix-xoghol sarx kif pattwit, u/jew skond is-sengha u l-arti, u dan indipendentement mill-allegata approvazzjoni jew certifikazzjoni tax-xoghol, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li l-appaltatur huwa obbligat li jaghmel huwa li jaghti l-opera li kellu jahdem skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi jekk ir-rikorrenti zammewx ix-xoghol, ma huwiex strettament relevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-pendenza. F'dan il-kuntest jinghad li l-oggett baqa' ghand l-appellant bl-ebda mod ma jista' jfixkel fic-cirkostanzi odjerni t-talba tagħhom li x-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha, u dan peress li r-regoli li jridu jigu applikati ghall kaz odjern huma dawk ta' appalt u mhux ta' kuntratt ta' bejgh. Illi fil-fatt fis-sentenza **“Valletta Aluminium Wrought Iron Work Limited vs Carmen Grech”** (P.A. (JRM) – 17 ta' Gunju 2010) inghad li *“l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel sknd l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu (“Tal-Franciz Construction Limited et vs Anglu Zarb” – A.I.C. (PS) – 15 ta' Lulju 2007). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se'jsir skond ma jitolbu s-sengha u l-arti....Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' l-appaltatur li x-xoghol moghti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-ahhar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, sahansitra, ikun rega' qabbdu jaghmillu x-xoghol iehor. Dan jinghad ghaliex il-fatt li jsir il-hlas jew hlas akkont jew li x-xogholijiet ikunu gew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull kaz jistkenn mix-xilja tat-twettiq hazin ta' appalt”.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dan it-Tribunal iħoss li mill-provi prodotti jirrizulta i*ctu occoli* mir-ritratti esebiti li l-bieb konsenjati mis-soċjeta' intimata ma huwiex skond is-sengha u l-arti u dan peress li l-madum u l-ħajt huma invell u l-bieb ġie iqsar milli suppost għal xi raġuni li taf biss bija s-soċjeta' intimata.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi biex jilqa' t-talba rikorrenti.

**DECIDE**

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija u żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€802.40) fi żmien ġimgħa mil llum. Il-bibien għandhom jibqaw fil-post mingħajr ebda kumpens addizzjonali dovut lejn is-soċjeta' intimata.

Bl--ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**